ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

**Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.7**
**19/04/2018**

# Minuti

**Data:** Il-Ħamis, 19 t' April 2018

**Post:** Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**Ħin:** 18:00

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Assenti b' Apoloġija:**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Aġent Segretarju Eżekuttiv

ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

**Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.7**
**19/04/2018**

# Minuti

## 7.1 Qari tal-ittra ta' apoloġiji

7.1.1 Is-Segretraju Eżekuttiv ppreżentat l-ittra ta' apoloġija ta' Dr. Samuel Azzopardi. Fuq proposta tal-President, is-Sur Fava li ġiet issekondata mis-Sur Fenech Adami, l-Eżekuttiv aċċetta unanimament dawn l-apoloġiji.

## 7.2 Qari u Appovazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 6

7.2.1 Il-President talab li jkun hemm emenda fil-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 6, Kommunikazzjoni mill-President u jiżdied dan li ġej peress li kienet tħalliet barra bi żvista:

| | |
|---|---|
| **Proposta mir-Reġjun Ċentru biex jintużaw il-fondi allokati mill-LESA fuq attivitajiet kulturali** | Ġiet ippreżentata l-proposta tar-Reġjun Ċentru biex ir-Reġjun jagħmel użu mill-fondi allokati għalih mill-LESA biex itella' attivitajiet kulturali. Il-proposti ppreżentati ġew approvati mill-Eżekuttiv. |

7.2.2 L-Eżekuttiv approva l-emenda.

## 7.3 Punti li joħorġu mill-minuti

ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

**Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.7**
**19/04/2018**

**7.3.1 Bus Shelters – Kumpanija FACES**

Il-President semma li sar fthiem mal-Kumpanija FACES dwar it-terminu ta' 10 snin tal-kuntratt eżistenti. Bdew sensiela tal-Laqgħat ġodda biex jiġi fformulat fthiem ġdid fuq il-Bus Shelters li ser jiġu nstallati minn issa 'l quddiem. Fl-istess laqgħa mal-Kumpanija FACES tkellem wkoll dwar il-possibilita' ta' intorduzzjoni ta' notice boards eletronċi fil-lokalitajiet li jitħadmu permezz ta' mobile app u wieħed ikollu l-informazzjoni kollha u s-servizzi provduti f' dik il-lokalita' inkluż postijiet turistiċi u servizzi offruti mill-Kunsill. Permezz tar-riklamar, din tista' tkun mezz għall-dħul finanzjarju għall-Kunsill. Preżentazzjoni ta' din għandha ssir fl-ewwel Laqgħa tas-Sindki.

L-Assoċjazzjoni talbet ukoll lill-żKunsilli biex tinbgħat informazzjoni fuq il-latrini pubbliċi tal-lokalita' rispettiva. Wara li l-Assoċjazzjoni jkollna l-informazzjoni miġbura, tkun f' pożizzjoni li nesploraw il-possibilita' li l-Kunsill jkollu Latrini li jitnadfu waħidhom u rinovazzjonijiet oħra.

Il-President semma li s-salarju ta' Jannar 2018 ġie miġbur mis-Sa. Testaferrata De Noto imma hija għada qed tirrifjuta li tieħu l-flus tal-perjodu tan-notice għax għada qed titlob il-performance bonus tas-sena 2017. B' risposta għall-korrispondenza mibgħutha mill-UĦM sabiex issir laqgħa biex jitħallas il-Performance Bonus, il-President baqa' jsostni li dan mhux mistħoq għar-raġunijiet imsemmija fl-Laqgħat preċidenti.

**7.3.2 Performance Bonus**

Is-Sa. Isabella Testaferrata De Noto f' Ottubru tal-2017 għmlet talba għall-qualification allowance. L-Eżekuttiv kien approva it-talba imma meta l-Assoċjazzjoni marret tiftaħ il-post għall-Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni, ġie nnutat li l-Eżekuttiv kien żgwidat bl-informazzjoni li kienet ppreżentat is-Sa. Testaferrata De Noto meta hija talbet qualification allowance li ma kinitx intitolata għalih peress li il-kwalifikazzjoni kienet il-minimum requirement tal-grad li kienet tokkupa. Dawn il-flus ser ikunu qed jintalbu lura.

**7.3.3 Proġett SCOW**

Il-Laqgħa mal-Ministru Onor. Herrera u l-ERA ser issir fil-25 t' April. Bit-tama li l-Assoċjazzjoni tasal fi fthiem biex ikun jista' jopera l-impjant biex il-proġett ikompli.

**7.3.4 SunEagle**

L-Assoċjazzjoni ġiet mitluba aktar dettalji, li dawn ngħataw lill-Pulizija kif mitlub. Instabu wkoll xi files tal-SCOW li instabu fil-kamra tas-Segretarja preċedenti u għaddew ukoll għand il-puluzija kif kien mitlub.

**7.3.5 Kwotazzjoni biex jinbidel id-dawl fl-uffiċijni**

Id-Dwal inbiddlu u l-proġett ġie estiż anki għad-dwal tas-sala. Intalbu kwotazzjonijiet biex issir it-tibjid tal-post. Din in-nefqa qed tiġi stmata li tkun madwar €2,000.

| | |
|---|---|
| **7.3.6 Proġett Local Sats** | L-Assoċjazzjoni qablet mal-kumplament tal-partners li nfittxu l-Lead partners legalment. |
| **7.3.7 Awditjar tal-Proġetti tal-UE – PKF** | Intbgħatet talba għall-kwotazzjonijiet biex issir l-awditjar. Din it-talba intbgħat lil ħames kumpaniji: Grant Thorton, 3a Accountants, Mazars, RSM u Nexia BT. L-Assoċjazzjoni ma rċiviet l-ebda kwotazzjoni. Kien hemm qbil li s-Segretarja titlob lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tingħata approvazzjoni biex tinħareġ direct order sa €10,000. |
| **7.3.8 CLGF Membership** | Onor. Owen Bonniċi intbgħatitlu t-talba biex titħallas din il-membership. |
| **7.3.9 Ritorn tal-Assi mis-Sur Jimmy Magro** | Is-Sur Magro rritorna l-assi li kienu għandu; laptop, tablet u notebook. Is-Sur Magro reġa' dawwar fhemtu u t-tablet ma xtraħx. L-Assoċjazzjoni irċiviet ittra mill-qorti minħabba l-kuntratt t' impjig li kellu mal-Assoċjazzjoni. Kiopja tal-ittra intbgħatet lil Dr. Malcolm Mifsud, l-avukat tal-Assoċjazzjoni. |
| **7.3.10 Kumitatt - Ħaddiema fuq Skemi li qegħdin mal-Kunsilli Lokali** | Inġabret l-informazzjoni meħtieġa mill-Kunsilli Lokali u ser ikomplu għaddejin bil-Laqgħat. Ir-Reġjun Xlokk għandu jieħu ħsieb il-kwistjoni rigward dawn il-ħaddiema fuq skemi fil-Kunsill taż-Żejtun. |
| **7.3.11 Suppliment AKL u Kunsilli Lokali** | L-Assoċjazzjoni mixja fil-proċess mal-Unjon Print. Saret ɪrvista mal-President tal-Kummitat tar-Reġjuni is-Sur Karl |

nz Lambert. Għadu ma sar l-ebda komunikat min-naħa ġurnal il-Mument biex issir xi ħaġa simili.

| | |
|---|---|
| **7.3.12 Rapporti mibgħutha mill-Konsulent UE** | Il-President ppreżenta r-rapporti li kien bgħat is-Sur Omar Vella. |
| **7.3.13 BOV** | Il-President semma li l-APS għadu għaddej bi due diligence.<br>Is-Sur Michael Fenech Adami f' isem Ir-Reġjun Ċentru semma li għandu problemi bil-cash vans għax il-bank mhux jaċċetta depożiti mill-cash vans. Is-Segretarja ħadet nota u għandha tikkomunika mal-bank biex iġib kjarifka ta' dan. |
| **7.3.14 Executive Officer Scale 14** | Il-President semma li sar il-proċess ta' rekrutaġġ u bdiet mal-Assoċjazzjoni l-impjegata is-Sa. Natasha Gauci fil-grad ta' Executive Officer. |
| **7.3.15 MSC in Governance** | Saret Laqgħa bejn il-President tal-Assoċjazzjoni, d-Direttur Ġenerali s-Sur Natalino Attard u d-Direttur is-Sa.Marisa Pisani biex jidħlu aktar fid-dettal. Susegwentament kien hemm qbil li ssir laqgħa mas-Sur Silvio Deono fis-27 t' April 2018. |

7.3.16 Is-Sur Jesmond Aquilina daħal għal-Laqgħa fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

7.3.17 Is-Sur Anthony Mifsud daħal għal-Laqgħa fis-sebgħa ta' filgħaxija.

## 7.4 Approvazzjoni tar-rapport finanzjarju QTR 4 2017

7.4.1 Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2017 QTR 4 ġie approvat unanimament fuq proposta ta' Chev. Paul Farrugia li ġiet issekondata mis-Sur Anthony Mifsud.

## 7.5 Laqgħa tas-Sindki

7.5.1 Il-President semma li kien hemm feedback pożittiv għajr għall-problemi żgħar tekniċi li tnaqsu l-flus tagħhom mill-kont li tħallas lid-Dolmen Hotel.

7.5.2 Il-President talab li l-Eżekuttiv jipproponi data oħra għall-aħħar ta' Ġunju. Is-suġġett ikun id-diskussjoni tal-White Paper u tkun Laqgħa straordinarja għall-Kunsilliera kollha.

7.5.3 Kien hemm qbil li jintalbu l-kwotazzjonijiet għas-Sibt 23 ta' Ġunju 2018, fil-każ li din id-data ma tkunx tista' tintlaħaq il-Laqgħa ssir is-Sibt 7 ta' Lulju 2018.

7.5.4 Is-Sur Michael Fenech Adami semma li l-politiċi għandhom ikunu hemm biex jisimgħu dak li jkun għaddej u d-diskors tagħhom ikun abbażi ta' dak li jintqal waqt il-Laqgħa u mhux diskors li jkun preparat bil-messaġġ li jkunu jridu jwaslu huma. Il-President irrimarka li din hija xi haga li dejjem jinsisti dwarha mar-rapprezentatni taz-zewg partiti.

## 7.6 Tribunal Lokali

7.6.1 Il-President semma li wieħed mir-Reġjun mhux jibgħat rapport tal-claim tal-pagi. Għalhekk ir-Reġjun ma setax jirċievi l-fondi. Semma kif il-LESA kkonfermaw li l-pagi sa Marzu 2017 tħalsu kollha apparti tar-Reġjun li ma bgħatx din l-informazzjoni.

ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

**Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.7**
**19/04/2018**

7.6.2 Il-President semma li fid-dawli li r-Reġjuni ser jieħdu aktar responsabbilitajiet kif ukoll it-Tribunali ser jieħdu wkoll aktar responsabbilita', il-President jissuġġerixxi li t-Tribunali jitlqu mir-Reġjun u jgħaddu għand il-LESA bl-ispejjez kollha li huma assoċjati magħhom. Chev. Farrugia ssekonda din il-proposta.

7.6.3 Chev. Paul Farrugia semma kif huwa jaqbel ma' din id-deċiżżjoni. Dan għaliex, it-Tribunali qed jagħmel tajjeb gaħlihom ir-Reġjun ħlief il-parti tas-salarji tal-impjegati li qed iservu fuq issues tal-LESA.

7.6.4 Is-Sur Jesmond Aquilina jrid ikun jaf x' sar minnha l-propja riforma li kellha ssir. Qed joħorġu ħafna ċitazzjonijiet mill-infurzar ta' Transport Malta.

7.6.5 Is-Sur Michael Fenech Adami ssuġġerixxa li l-President għandu jiltaqa' mar-Reġjuni kollha flimkien kif ukoll mas-Segretarji biex tkun tista' tittieħed deċiżżjoni informattiva.

## 7.7 Ħatra sotto-kummitat fuq White Paper dwar emendi tal-liġi

7.7.1 Il-President ippropona li jinħoloq sotto-kummitat biex jibdew id-diskussjonijiet.

7.7.2 Kien hemm qbil li fuq il-kumitat ikun hemm il-President flimkien mal-Viċi President Dr.Samuel Azzopardi u jolternaw bejniethom is-Sur Mark Grech u is-Sur Jesmond Aqualina.

7.7.3 Kien hemm talba mis-Sur Michael Fenech Adami li l-kumplament tal-Eżekuttiv għandu jiġi nfurmati bid-dati tal-Laqgħat biex min ikunu jista' jattendi. It-talba ġiet milqgħa mill-kumplament tal-Eżekuttiv.

## 7.8 Kommunikazzjoni mill-President

### 7.8.1 Proġett Mobilitas

Saret Laqgħa mal-kumpanija Paragon dwar il-proġett Mobilitas.

Il-Proġett MOBILITAS qiegħed jindirizza l-problema tal-konġestojni u dak kollu li jġib miegħu. L-interess huwa li Paragon taħdem ma' TM u l-AKL biex flimkien mal-Kunsilli Lokali issiru proġetti pilota u anki studji biex inaqsu il-konġestjonijiet.

L-Assoċjazzjoni ser tagħmel talba lill-Kunsilli Lokali biex jitella' workshop fis-sala tal-Assoċjazzjoni biex jinqasmu l-ideat u jiġu proposti proġetti żgħar u li huma reali li tista' timplimenta fuq skali żgħar.

Ġie propost li fl-ewwel ġimgħa ta' Mejju jsir seminar għas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji.

### 7.8.2 Proġett WIFI4EU

Inġabbret il-lista ta' Kunsilli li kienu interessati li jipparteċipaw f' dan il-proġett u għaddiet għand il-MITA biex ikunu jistgħu jkompli r-reġistrazzjoni.

### 7.8.3 EU Funds Seminar

L-Assoċjazzjoni żammet Lagħat mas-Segretarjat responsabbli mill-fondi Ewropj fejn uriet it-tħassib tagħha li minkejja li l-Kunsilli Lokali jingħataw l-Assistenza kollha mill-MEUSAC tul il-proċess tal-applikazzjoni mill-fondi Ewropej, hemm nuqqas ta' support wara li l-proġett jiġi awared u jkun qed jiġi mplimentat.

Għaldaqstant sar qbil li jiżamm Seminar ta' nofs ta' nhar organizzat bejn l-Assoċjazzjoni u s-Segretarjat sabiex tingħata informazzjoni lill-Kunsilli Lokali dwar il-fondi eżistenti u anki jinqasmu esperjenzi pożittivi konklużi fl-aħħar ftit snin.

Hemm ukoll il-ħsieb, li l-Assoċjazzjoni tipprova li jkollha magħha żewġ persuni ssekondati miċ-ċivil biex jiġi ffurmat help desk fl-Assoċjazzjoni biex jiġi pprovdut assistenza lill-Kunsilli Lokali f' dan il-proċess. B' hekk ikun indirizzat dan il- vacuum li hemm bħal issa.

Is-Sur Michael Fenech Adami spjega li dan is-servizz qed jgħatih ir-Reġjun Ċentru għall-Kunsilli li jaqgħu taħt il-kappa tiegħu.

Il-President semma li dan is-Seminar huwa pprogrammat li jsir f' Lulju li ġej. Aktar tagħarif jingħata lill-Kunsilli kif ikun hemm qbil fuq id-data.

Il-President semma li ll-Assoċjazzjoni ser tkun qed tirriforma parti mill-ispiża li l-Kunsilli ser ikun qed iħallsu għal dan is-Seminar.

**7.8.4 LESA**

Il-President tal-Assoċjazzjoni semma li għamel talba formali lill-Ministeru għall-Ġustizzja Kultura u Gvern Lokali biex jinstabu fondi li permezz tagħhom l-Assoċjazzjoni tkun tista' timpjega żewġ persuni oħra.

Dan wara li bix-xogħol iġġenerat fl-aħħar xogħol qed tintefa presjoni fuq l-istaff tal-AKL.

ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

**Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.7**
**19/04/2018**

Wara diversi Lagħat ġie milħuq fthiem mal-LESA li fuq perjodu ta' 3 snin din tgħaddi lill-Assoċjazzjoni €40,000 fis-sena bi bdil ta' servizzi. Dan il-fthiem jista' jiġi mġedded għall-tliet snin oħra.

Il-President semma li għandha tinħareġ sejħa interna mal-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni u minn barra biex jiġu mpjegati żewġ persuni fuq bażi full-time. Impjegat fuq skala 14 – Executive Officer biex ikun jista' jservi bħala customer care ta' LESA u Bus Shelters filwaqt li jgħin fuq xogħol ieħor amministrattiv tal-Assoċjazzjoni. L-impjegat l-ieħor għandu jkun fuq skala 11 – Assistant Principal biex jaħdem fuq l-accounts tal-Assoċjazzjoni fost xogħol ieħor amministrattiv.

Is-Sur Michael Fenech Adami semma li irbiet ma' entitajiet diversi ser iwasslu biex l-Assoċjazzjoni titlef l-awtonomija. Il-President wieġeb li l-mod kif ġadmet l-Assoċjazzjoni fl-aħħar xhur juri biċ-ċar li din qatt ma kienet ostaġġ ta' ħadd u dejjem ħadmet fl-aħjar interess tal-Kunsilli Lokali. Semma bhala eżempju l-materja li qamet dwar il-bordijiet ta' aġġudikazzjoni u kwistjonijiet oħra fuq żoni turistiċi kif ukoll l-issue tat-tables and chairs.

Chev. Farrugia spjega li dan ix-xogħol li ser issir ser issir għall-benefiċċju tal-Kunsilli Lokali

Is-Sur Michael Fenech Adami, Is-Sur Jesmond Aquilina u s-Sur Anthony Mifsud spjegaw li r-Reġjun jista' jieħu dawn l-ilmenti. Semmew li dan ix-xogħol ir-Reġjun diġa qed jagħmlu imma mhux qed jiġi rikonoxxut mill-LESA.

ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

**Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.7**
**19/04/2018**

Il-President saħaq li l-AKL ser toffri servizz lill-Kunsilli Lokali biex tiffaċilita' l-ilmenti li l-Kunsilli jresqu lill-LESA.

Il-President ippropona li jiġi approvat dan il-ftehim għar-raġunijiet li semma. Dan wara li spjega mill-ġdid li dan il-ftehim bl-ebda mod mhu se jimpatta b' mod negattiv fuq l-operat tal-Assoċjazzjoni, anzi huwa mezz ta' kif permezz tiegħu, l-Assoċjazzjoni se tkun tista' tassisit aħjar lill-Kunsilli Lokali. Huwa talab li jittieħed vot dwar dan. Din it-talba ġiet issekondata minn Chev. Farrugia u għalhekk ittieħed vot.

| **Dawk Kontra** | **Dawk Favur** |
| --- | --- |
| Is-Sur Michael Fenech Adami | Is-Sur Mario Fava |
| Is-Sur Anthony Mifsud | Chev. Paul Farrugia |
| Is-Sa. Graziella Galea | Is-Sur Mark Grech |
| | Is-Sur Joseph Cordina |
| | Is-Sur Jesmond Aquilina |

Għaldaqstant il-vot għadda u l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tiffirma l-kuntratt mal-LESA. Talab lis-Segretarja biex tippubblika l-postijiet vakanti kif jidher hawn fuq. Il-board għall-interviews għandu jinżamm l-istess bħal l-interviews ta' qabel; magħmul mill-President u l-Viċi Presidenti Chev. Paul Farrugia u Dr. Samuel Azzopardi.

Is-Sa. Galea saħqet li items li jkunu parti mill-kommunikazzjoni tal-President m'għandhomx jittieħdu vot fuqhom.

Il-President wieġeb li din kient il-prassi li dejjem imxew biha u m'għandu l-ebda problema jibda jniżżel item item dak li jrid jigi diskuss. Il-vot ittieħed ghax kien hemm bżonn deċizjoni.

**7.8.5 Audit AKL**

Qed issir l-awditjar mill-MAZARS u qed jiġi nnutat minn dak li intalab mill-awdituri li issues imqajma fil-management letter tas-sena l-oħra, amminstrattivament kienu għadhom ma ġewx indirizzati. Rapport dettaljat dwar dan jingħata ladarba l-audit ikun lest.

**7.8.6 MCWO**

L-Assoċjazzjoni ħalset il-membership

**7.8.7 Laptop ta' Isabella Testaferrata**

Irkuprajna ħafna mid-data li l-ispiża tagħha ġiet madwar €400 u l-kont ser jintbgħat lis-Sa. Testaferrat De Noto peress li l-Assoċjazzjoni kellha tagħmel dan minħabba li meta ġie rritpornat il-laptop, d-data ġiet kollha mħasra. Is-Sa. Testaferrata De Noto se tigi mitluba thallas din l-ispiza.

**7.8.8 Data Protection**

Il-President semma li liġijiet bħal dawn m'għandhomx ixekklu l-operat tal-Kunsilli Lokali partikolarment meta dawn jiġu biex joffru servizzi fil-komunitajiet bħal issues tal-problemi soċjali, persuni bi bżonnijiet speċjali, infurnzar fuq immaniġjar tal-iskart etc.

Chev. Paul Farrugia semma li permezz ta' din il-liġi hemm implikazzjonijiet fuq il-Kunsill.

Minkejja li ilha tintalab l-informazzjoni kien għadd hemm Kunsilli li għadhom ma waslitx din l-informazzjoni.

**7.8.9 Health & Saftey**

La tasal l-informazzjoni kollha ser issir Seminar biex dawk innominati ikunu jafu kif issir risk assessment.

**7.8.10 Performance Bonus tas-Sur Johann Camilleri**

Is-Sur Johann Camilleri, ħaddiem fuq skema RSSL mal-Assoċjazzjoni għamel talba lill-Assoċjazzjoni biex l-Assoċjazzjoni tikkonsidra li jibda jingħata performace bonus bħal kumplament tal-ħaddiema.

Il-President semma li huwa jemmen li għandu jsir evalwazzjoni fl-aħħar tas-sena biex tkun evalwata l-ħidma li tkun saret u b' hekk titieħed deċiżjoni.

**7.8.11 Ftuħ tal-post vakant mal-Assoċjazzjoni għall-Segretarja Eżekuttiva**

Is-Segretarja infurmat li kienet imtliet il-vacancy form u għaddiet għand is-Sur Johan Galea għall-approvazzjoni. Wara jkompli l-proċess mal-Jobsplus.

**7.8.12 Talba mir-Reġjun Tramuntana**

Ġiet ippreżentata l-proposta tar-Reġjun Tramuntana biex ir-Reġjun jagħmel użu mill-fondi allokati għalih mill-LESA biex itella' attivitajiet kulturali. Il-proposti ppreżentati ġew approvati mill-Eżekuttiv.

**7.8.13 Talba mir-Reġjun Nofsinhar**

Il-President tar-Reġjun Nofsinhar, is-Sur Jesmond Aquilina xtaq jinforma lill-Eżekuttiv li r-Reġjun Nofsinhar ser jagħmel użu mill-fondi tal-LESA biex itella' Festival tan-Nar nhar il-5 ta' Mejju 2018. Is-Sur Aquilina semma li s-Segretraju Eżekuttiv tar-Reġjun kienet għadha ma bgħatitx il-proposti imma xtaq l-approvazzjoni tal-Eżekuttiv.

| | |
|---|---|
| **7.8.15 Safar fuq missjonijiet ta' COR** | Is-Sur Aquilina nforma lill-Eżekuttiv li jixtieq inkun jaf min qed ikunu sostitut tal-membri li mhux qed ikunu jistgħu jattendu.<br><br>Il-President semma li l-membri nominati mill-Partiti fuq COR huma;<br><br>Il-President, Chev. Paul Farrugia u is-Sur Joseph Cordina min-naħa tal-Partit Laburista. Filwaqt li s-sostituti tagħhom huma s-Sur Fredrick Cutajar, is-Sur Jesmond Aquilina u s-Sinjorina Sarah Agius<br><br>Filwaqt li għall-Partit Nazzjonalista huma nominati; Dr. Samuel Azzopardi u s-Sur Anthony Mifsud. Is-sostituti huma; is-Sa. Graziella Galea u is-Sur Paul Buttigieg.<br><br>Uħud mill-Eżekuttiv semmew li s-sostituti għandhom ikunu membri fl-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni.<br><br>Il-President reġa' fakkar li dawn il-membri bl-ebda mod m'għandhom x' jaqsmu max-xogħol tal-Assocjazzjoni. |

## 7.9 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 7

7.9.1 Fuq proposta tas-Sur Mario Fava li ġiet issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Joseph Cordina, l-Eżekuttiv approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-6 ta' Marzu 2018 u 19 t'April 2018 li kienet tammonta għall-€44,700.90.

## 7.10 Aġġornament

ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI
MALTA

**Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.7**
**19/04/2018**

**7.10.1** Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' fil-31 ta' Mejju fil-5:30pm

**Lianne Mifsud**

**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati

**Mario Fava**

**President**